MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2008

Numru. 129/2008

**Il- Pulizija**
**(Spettur Alexander Grech)**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**-vs-**

***Omisis***
**Paul Camilleri**
***Omisis***

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra *omisis*, *omisis* u l- imsemmi **Paul Camilleri** ta' 30 sena bin il-mejjet John u Carmen nee Caruana, imwieled fil-15 ta' Frar 1978, u residenti

158 Triq il-Liedna Fgura, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 592678(M).

Akkuzati talli:

Nhar is-17 ta' Frar, 2008 ghal habta ta' xi 02.15 pm waqt li kienu fi Triq id-Dejma, Tarxien, ikkommettew serq ta' ghodda u apparat iehor li jintuza fix-xoghol ta' kostruzzjoni valur ta' madwar Lm755 (1757 Euro) minn go sit li gahdu taht kostruzzjoni u jinsab fl-istess triq ghad-dannu ta' Victor Fenech minn Naxxar u Francis Galea mill-Mosta, liema serq hu aggravat bil-vjolenza, valur u skalar u dan bi ksur ta' artikoli 262 (1) (b), 266, 267 tal-Kap. 9. tal-ligijiet ta' Malta;

U aktar *omisis* u Paul Camilleri huma akkuzati wkoll talli, b'hekk saru recidivi b'diversi sentenzi tal-Qorti u dan ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali li permezz taghha ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li dan il-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum nhar il-5 ta' Mejju 2008 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti fissritlu l-konsegwenzi ta' ammissjoni u taghtu zmien biex jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat l-artikoli 49, 50, 261(a)(b)(c), 262(1)(b), 263, 266, 267, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti ikkunsidrat l-ammissjoni ta’ l-imputat ghalkemm fi stadju inoltrat tal-proceduri, l-fatt li r-refurtiva giet rkuprata u l-fedina penali ta’ l-imputat.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(a)(b)(c), 262(1)(b), 263 266, 267, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat Paul Camilleri hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta’ prigunerija ghal perjodu ta’ sentejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------